



Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Europan parlamentti Europaparlamentet

IL-KONTROLL TAS-SAJD

Is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE għandha l-għan li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd. L-efficċenza tagħha hija rikonoxxuta b'mod wiesa' bħala kundizzjoni meħtieġa għal politika ta' suċċess. Il-kontroll tas-sajd huwa kompetenza tal-Istati Membri, li huma responsabbi għall-kontroll tas-sajd tagħhom u tal-attivitajiet relatati miegħu, filwaqt li I-Kummissjoni tivverifika kif jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

Is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE nbdiet bħala parti mill-proċess tal-istabbiliment tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), bl-ewwel regolament adottat fl-1982. Dan ġie emendat diversi drabi, u ġie kompletament rivedut bl-adozzjoni tar-[Regolament \(KE\) Nru 1224/2009](#) (ir-Regolament dwar il-Kontroll), li daħal fis-seħħi fl-1 ta' Jannar 2010 u sar il-qalba tas-sistema ta' kontroll. Dan ġie kkomplementat minn regoli speċifiċi ta' applikazzjoni permezz tar-[Regolament ta' Implementazzjoni \(UE\) Nru 404/2011](#). Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll, immedja fit-30 ta' Mejju 2018, issa tinsab fl-istadji finali tagħha, bir-regolament il-ġdid mistenni li jidħol fis-seħħi sa tmiem is-sena.

Is-sistema ta' kontroll tinkludi wkoll ir-[Regolament \(UE\) 2017/2403](#) dwar il-ġestjoni sostenibbi ta' fltot tas-sajd esterni (ir-Regolament SMEFF), li jipprovdi qafas għall-awtorizzazzjoni ta' bastimenti tal-UE li jistadu f'ilmijiet lil hinn mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, u bastimenti mhux tal-UE li joperaw fl-ilmijiet tal-UE. Barra minn hekk, I-UE żviluppat strument biex tittieħed azzjoni kontra s-sajd globali illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU): Ir-[Regolament \(KE\) Nru 1005/2008](#), (ir-Regolament IUU), kellu l-għan li jipprevjeni l-importazzjoni ta' prodotti maqbuda permezz ta' IUU fl-UE. Flimkien, ir-Regolamenti dwar il-Kontroll, I-IUU u I-SMEFF jiffurmaw pakkett komprensiv ta' kontroll li jkopri r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri f'kull wieħed mir-rwoli tagħhom bħala stati tal-bandiera, kostali, tal-port u tas-suq.

Fl-2005, I-UE stabbiliet I-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), ibbażata f'Vigo, Spanja, biex ittejjeb il-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll tal-Istati Membri. Ir-[Regolament \(UE\) 2019/473](#) ikkodifikha d-dispożizzjonijiet għall-funzjonament tal-EFCA.



L-OBJETTIVI

L-ġħan ġeneral tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-UE huwa li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-PKS. Skont l-Artikolu 36 tar-[Regolament Bażiku tal-PKS \(\(UE\) Nru 1380/2013\)](#), il-kontroll tas-sajd huwa bbażat fuq:

- approċċ globali, integrat u komuni;
- kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-EFCA;
- kosteffiċjenza u proporzjonalità;
- l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti ta' kontroll għad-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar is-sajd;
- qafas tal-Unjoni għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar;
- strateġija bbażata fuq ir-riskju ffukata fuq kontrolli sistematiċi u awtomatizzati tad-data rilevanti kollha disponibbli;
- l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità u kooperazzjoni fost l-operaturi u s-sajjeda kollha.

Għalkemm tfasslet biex tappoġġa l-PKS, li l-fokus ewlieni tagħha huwa wieħed mill-ftit kompetenzi esklużivi tal-UE, is-sistema ta' kontroll kienet maħsuba bħala kompetenza nazzjonali. Għaldaqstant, l-Istati Membri huma responsabbi għall-kontroll tas-sajd u l-attivitajiet relatati tagħhom sabiex jiżguraw li l-operaturi jikkonformaw mal-liġi nazzjonali f'kull stadju tal-produzzjoni. Huma jeħtiġilhom jadottaw miżuri xierqa għall-iżgurar tal-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tal-attivitajiet imwettqa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PKS, inkluż l-istabbiliment ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li timmonitorja u tevalwa kif l-Istati Membri japplikaw ir-regoli ta' kontroll.

IL-KISBIET

A. Ir-Regolament dwar il-Kontroll

Ir-Regolament dwar il-Kontroll japplika għall-attivitajiet kollha relatati mal-PKS imwettqa fl-il-mijiet tal-UE jew fit-territorju tal-Istati Membri, jew minn bastimenti tas-sajd tal-UE u ċittadini tal-UE kull fejn joperaw. Dan jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi, u r-regoli ta' kontroll għall-miżuri kollha ta' ġestjoni tas-sajd, inklużi l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd, il-kapaċċità tal-flotta tas-sajd u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd. Ikopri wkoll is-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd u l-ispezzjoni, u fil-każ ta' ksur, is-sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati. Xi wħud mir-regoli ta' kontroll ewlenin, kif riveduti reċentement, huma spjegati hawn taħt.

1. Aċċess għar-riżorsi u traċċar

Il-bastimenti tas-sajd kollha tal-UE jrid ikollhom liċenzja tas-sajd valida. Għal attivitajiet soġġetti għal kundizzjonijiet speċifiċi, il-bastimenti jrid ikollhom ukoll awtorizzazzjoni tas-sajd speċifika. Il-bastimenti tas-sajd kollha jridu jkunu mgħammra b'apparat li jippermetti li jiġu lokalizzati u identifikati awtomatikament permezz ta' sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti abbażi ta' satellita (VMS) jew network ibbażat fuq l-art.



Madankollu, ċerti bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira b'tul ta' inqas minn 9 metri huma eżentati temporanjament sal-31 ta' Diċembru 2029. Il-bastimenti tas-sajd tal-UE ta' aktar minn 15 m iridu jużaw ukoll sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS), għodda żviluppata prinċipalment għas-sikurezza marittima. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw il-kontroll tal-obbligu ta' ħatt l-art permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod, inklużi kameras abbord, għal bastimenti ta' aktar minn 18 m tul li joħolqu riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità.

2. Użu tal-opportunitajiet tas-sajd

L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd huwa kkontrollat abbażi ta' sensiela ta' rekwiżiti għar-reġistrazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-attivitajiet u l-qabdiet. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd kollha jeħtiġilhom iżommu ġurnal ta' abbord elettroniku dwar is-sajd, u jirregiżraw informazzjoni bħall-qabdiet ta' kull speċi (b'ġurnal ta' abbord simplifikat għall-bastimenti b'tul ta' inqas minn 12 m). Jeħtiġilhom jimlew dikjarazzjoni tal-ħatt l-art u, jekk il-qabdiet jiġu mċaqlqa minn bastiment għall-ieħor, dikjarazzjoni tat-trażbord, it-tnejn li huma elettroniċi.

3. Kapaċità tal-fotta tas-sajd

L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-flotot tagħhom ma jaqbżux il-livell massimu stabbilit għal kull Stat Membru. Għaldaqstant, huma responsabbi biex jimmonitorjaw il-kapaċità tal-bastimenti tagħhom, u biex jivverifikaw li dawn jikkorrispondu għat-tunnellaġġ u l-qawwa tal-magna ddikjarati uffiċjalment. Ċerti bastimenti kbar b'riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità jridu jkunu mgħammra b'apparat li jimmonitorja l-qawwa tal-magna b'mod kontinwu.

4. Sajd rikreattiv

L-Istati Membri kostali jeħtiġilhom ikollhom sistema elettronika fis-señi għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-qabdiet mis-sajd rikreattiv. Il-kummerċjalizzazzjoni jew il-bejgħ tal-qabdiet tagħhom huma pprojbiti.

5. Kummerċjalizzazzjoni

L-Istati Membri huma responsabbi għall-kontroll tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fit-territorji tagħhom fl-istadji kollha, mill-ewwel bejgħ sat-transport u l-bejgħ bl-imnut. Huma jeħtiġilhom jiżguraw traċċabbiltà diġitali sħiħa ta' prodotti friski u ffriżati abbażi ta' tikkettar adegwat tul il-katina kollha tal-produzzjoni. It-traċċabbiltà diġitali se tapplika wkoll għall-prodotti pproċessati wara l-2029.

6. Sorveljanza

L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw is-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd fl-ilmiċċiet tagħhom, permezz ta' Imiħ direkt minn bastimenti jew inġenji tal-ajru ta' spezzjoni u deteżżjoni mill-bogħod mill-analiżi tad-data tal-VMS. Huma jeħtiġilhom ikollhom spetturi biex iwettqu l-ispezzjonijiet fuq il-baħar, fil-portijiet, matul it-transport, fuq il-postijiet tal-ipproċessar u matul il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd. L-ispetturi jeħtiġilhom jivverifikaw b'mod partikolari l-legalità tal-qabdiet, l-irkaptu tas-sajd u l-magni tal-bastimenti, u l-preċiżjoni tad-dokumenti u d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa.



7. Sanzjonijiet

Wara l-identifikazzjoni tal-ksur, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li jiġu applikati sanzjonijiet xierqa. Is-sanzjonijiet iridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u jikkonsistu f'azzjoni amministrattiva u/jew fi proċedimenti kriminali. Ċerti attivitajiet huma definiti bħala ksur serju fl-Istati Membri kolha. Huma japplikaw sistema ta' punti li permezz tagħha d-detentur/il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li jkun wettaq ksur serju jiġi assenjat punti penali, li jistgħu jwasslu għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sajd u fl-aħħar mill-aħħar għall-irtirar.

B. Ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni

Il-bastimenti tas-sajd tal-UE f'ilmijiet lil hinn mill-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll il-bastimenti mhux tal-UE li joperaw fl-ilmijiet tal-UE, huma soġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni speċifika. Preċedentement definita permezz tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008 (ir-Regolament dwar l-Awtorizzazzjoni tas-Sajd), is-sistema tal-ħruġ u l-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ġiet riveduta mir-Regolament SMEFF.

Ir-Regolament SMEFF tejjeb il-monitoraġġ u t-trasparenza tal-flotta tas-sajd esterna tal-UE, abbażi tal-prinċipju li kwalunkwe bastiment li jistad lil hinn mill-ilmijiet tal-UE jrid jiġi awtorizzat u mmonitorjat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu, irrisspettivament miż-żona u l-qafas li jopera fi. Huwa estenda l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni biex tħalli prattiki bħal ftehimiet privati bejn kumpaniji tal-UE u pajjiżi mhux tal-UE, in-noleġġ ta' bastimenti tas-sajd tal-UE u bastimenti li jirritornaw fir-reġistru tal-flotta tal-UE wara li joperaw taħt bandiera mhux tal-UE (bdil tal-bandiera). L-Istati Membri huma meħtieġa jawtorizzaw bastimenti tas-sajd li jużaw kriterji komuni ta' eliggħibiltà, ikkomplementati minn kundizzjonijiet speċifiċi skont in-natura tal-awtorizzazzjoni. Ir-Regolament SMEFF kien parti mir-reġistru elettroniku tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd aċċessibbli għall-publiku, li juri min jistad għal xiex u fejn.

C. Is-sajd illegali, mhux irrapprtatur u mhux irregolat (IUU)

Is-sajd IUU huwa rikonoxxut b'mod wiesa' bħala problema ambjentali, ekonomika u soċjali sinifikanti. Bi tweġiba għal din il-kwistjoni globali, l-UE stabbiliet ir-Regolament IUU, li jibqa' element ta' leġiżlazzjoni importanti dwar is-sajd mad-dinjal kollha. Ir-Regolament IUU daħħal fis-seħħi f'Jannar 2010, u ġie s-supplimentat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1010/2009, li jipprovd dettalji dwar l-implementazzjoni tiegħu. Huwa japplika għall-bastimenti kollha li jużaw riżorsi tas-sajd destinati għas-suq tal-UE u għaċ-ċittadini kollha tal-UE involuti fl-attivitajiet tas-sajd. Madankollu, mhuwiex maħsub li jissostitwixxi r-responsabbiltà primarja tal-istati tal-bandiera li jiddixxiplinaw il-bastimenti tagħhom, jew tal-istati kostali li jimmonitorjaw l-il-mijiet tagħhom. Jintervjeni biss f'każ li dawn iż-żewġ mekkaniżmi ma jaħdmux u l-ksur serju ma jiġix ikkastigat mill-istati tal-bandiera jew dak kostali.

L-objettiv ewljeni tar-Regolament IUU huwa li jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelmina l-importazzjoni ta' prodotti maqbuda permezz ta' IUU fl-UE. Għaldaqstant, il-komponenti ewlenin tiegħu huma miżuri relatati mas-suq: skema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda, maħsuba biex tippermetti biss ħut iċċertifikat bħala legali fis-suq tal-UE, u proċedura ta' twissija bil-karti għal pajjiżi mhux tal-UE meqjusa bħala mhux kooperattivi, li jistgħu jwasslu għal miżuri restrittivi għall-kummerċ. Dawn il-komponenti ewlenin



huma akkumpanjati minn sensiela ta' miżuri tal-istat tal-port u dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni regolari ta' lista ta' bastimenti IUU, kif ukoll proċedura għall-penalizzazzjoni tal-operaturi tal-UE li jwettqu jew jappoġġaw attivitajiet IUU kullimkien fid-din ja u taħt kwalunkwe bandiera.

D. L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)

L-EFCA, li twaqqfet fl-2005, u li ilha attiva mill-2007, tejbet l-infurzar u l-koordinazzjoni billi ġabret flimkien il-mezzi tal-UE u dawk nazzjonali għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, permezz ta' pjanijiet ta' eżerċizzji konġunti bħala l-instrument ewljeni tagħha. Ir-Regolament dwar il-Kontroll assenja setgħat ġoddha lill-EFCA sabiex issaħħa l-effettività tagħha. L-operazzjonijiet tal-EFCA huma ffinanzjati minn tliet għejun: il-baġit tal-UE, il-ħlasijiet għas-servizzi mogħtija lill-Istati Membri u d-ħul mill-pubblikazzjoni, it-taħriġ u servizzi oħra li tagħti.

Il-missjoni tal-EFCA hija definita fir-Regolament (UE) 2019/473. Din tinkludi l-kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, kull waħda fi ħdan il-mandat tagħha, bil-għan li tiżidied l-efficċenza tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta bħas-sikurezza marittima, is-sigurtà, it-tiftix u s-salvataġġ, il-kontroll fil-fruntiera, il-kontroll tas-sajd, l-infurzar tal-liġi ġenerali u l-protezzjoni ambientali. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima tiprovd servizzi marittimi integrati, ibbażati fuq sistemi ta' rappurtar tal-vapuri u għnodod ta' sorveljanza oħra, lill-Gwardja Ewropea tal-Frontiera u tal-Kosta u lill-EFCA. Dawn is-servizzi ta' informazzjoni jinkludu d-detezzjoni, l-identifikazzjoni u t-träċċar tal-bastimenti, is-sorveljanza tal-punti ta' tluq u l-individwazzjoni ta' anomaliji, li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni ta' sajd IUU.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ilu koleġiżlatur skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja mindu ġie adottat it-Trattat ta' Liżbona, fejn qeda rwol ċentrali fid-definizzjoni tal-PKS u tar-Regolament dwar il-Kontroll tagħha. B'mod partikolari, il-Parlament kellu rwol ewljeni fil-proċess twil biex titwaqqaf is-sistema ta' kontroll riveduta.

Il-Kumitat għas-Sajd jiskrutinizza l-miżuri ta' kontroll tal-politika, peress li l-implimentazzjoni effikaċi u nondiskriminatore tar-regoli trid tkun wieħed mill-pilastri fundamentali tal-PKS. F'dan ir-rigward, filwaqt li rrikonoxxa l-eżistenza ta' differenzi sostanzjali fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll fl-Istati Membri, fil-25 ta' Ottubru 2016 il-Parlament adotta [riżoluzzjoni](#) dwar l-armonizzazzjoni tal-kontroll fuq is-sajd fl-Ewropa. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Parlament adotta [riżoluzzjoni](#) dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll għall-istabbiliment tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-kriterji ta' aċċess għas-suq tal-UE. Dawn ir-riżoluzzjonijiet ikkontribwew għad-dibattitu li wassal għall-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll.

Il-Parlament jeżamina wkoll ir-rapport annwali tal-EFCA u japprova l-kwittanza tal-baġit tagħha.

Ricérka għall-Kumitat għas-Sajd:



- [**Social and Economic Impact of the Penalty Point System \(2016\)**](#) (L-Impatt Socjali u Ekonomiku tas-Sistema ta' Punti Penali (2016));
- [**The CFP – Infringement Procedures and Imposed Sanctions throughout the EU \(2014\)**](#) (II-PKS – Proċeduri ta' Ksur u Sanzjonijiet Imposti madwar I-UE (2014));
- [**Illegal, Unreported and Unregulated Fishing: Sanctions in the EU \(2014\)**](#) (Is-sajd illegali, mhux irappurtat u mhux irregolat: sanzjonijiet fl-UE (2014)).

Irina Popescu
10/2023

